# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 13 ta' Jannar, 2022**

**Kawza Nru. 16**

**Rik. Nru. 292/13JRM**

Fuad **GURUN SALIH** u b'digriet tal-25 ta' Frar, 2016, Fuad Gurun Mohammed assuma l-atti minflok missieru Fuad Gurun Salih li mar jgħix barra minn Malta

vs

**AVUKAT ĠENERALI** illum magħruf bħala l-Avukat tal-Istat

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fil-25 ta' Marzu, 2013, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attur talab li din il-Qorti (i) ssib li bid-deċiżjoni meħuda minnu fit-13 ta' Awwissu, 2013, li jiċħadlu t-talba tiegħu għall-għoti ta' *status* ta' rifuġjat, il-Bord tal-Appell dwar ir-Rifuġjati naqas li jħares il-prinċipji ta' mġiba amministrattiva tajba skond id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 3(ċ), (d), (e) u (ħ) tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva (Kap. 490 tal-Liġijiet ta' Malta), kif ukoll naqas li jħares l-obbligi proċedurali skond id-dispożizzjonijiet

tar-regolamenti 7(2) u 9(2) tar-Regolamenti dwar l-*Istandards* ta' Proċedura fl-Eżami ta' Applikazzjonijiet għall-istatus ta' Rifuġjat[1]; (ii) tħassar u tannulla l-imsemmija deċiżjoni tal-istess Bord; u (iii) terġa' tgħaddi lura l-atti lill-istess Bord biex jiddeċiedi dwar il-mertu mill-ġdid. Talab ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tat-3 ta' April, 2013[2], li bih ordnat in-notifika lill-imħarrek u tat direttivi lill-attur dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tiegħu;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fil-25 ta' April, 2013, li biha l-imħarrek laqa' għall-azzjoni attriċi billi qal li d-deċizjoni tal-Bord hija tajba u għandha tiġi konfermata. Żied jgħid li, fir-rigward tax-xilja ta' ksur tal-artikolu 3(2)(ċ), (d) u (e) tal-Kapitolu 490, l-attur naqas li jressaq ilmenti dwarhom imqar fir-rikors li bih fetaħ il-kawża u, f'kull każ, ċaħad li l-Bord tabilħaqq kiser dawk id-dispożizzjonijiet jew b'xi mod naqas milli jħarishom. Jgħid li mhux minnu li d-deċizjoni tal-Bord ma kinitx motivata u għaldaqstant ma kien hemm ebda ksur tal-artikolu 3(2)(ħ) tal-istess Att. Jiċħad li kien hemm ksur tar-regolament 7(2) tal-Avviż Legali 243 tal-2008 billi l-avukat li deher għall-attur kellu kull aċċess għat-tagħrif li kien jirrigwarda lill-attur. Jgħid ukoll li r-regolament 9(2) tal-istess Avviż Legali jgħodd meta t-talba tal-attur kienet quddiem il-Kummissarju għar-Rifuġjati u mhux fl-istadju ta' Appell quddiem il-Bord. Temm jgħid li l-fatt li d-deċiżjoni tal-Bord ma għoġbitx lill-attur ma jfissirx li d-deċiżjoni ma kinitx waħda tajba;

Rat id-degriet tagħha tal-11 ta' Ġunju, 2013[3], li bih ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju sabiex tiġbor ix-xhieda tal-partijiet;

Rat id-degriet tagħha tad-29 ta' Awwissu, 2013, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra laqgħet talba tal-imħarrek dwar ir-rilevanza ta' wħud mix-xhieda indikati mill-attur;

Rat id-degriet tagħha tat-3 ta' Frar, 2016[4], li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, ordnat it-tneħħija mill-atti tal-kawża tax-xhieda b'affidavit tal-attur;

Rat id-degriet tagħha tal-25 ta' Frar, 2016[5], li bih awtoriżżat lil iben l-attur biex jassumi l-atti tal-kawża minflok missieru;

---

[1] A.L. 243/08 (L.S. 420.07) li llum il-ġurnata tħassru u minflokhom iddaħħlu r-Regolamenti tal-2015 dwar l-i*Standards* ta' Proċedura għall-Għoti u l-Irtirar tal-Protezzjoni Internazzjonali (A.L. 416/2015, L.S. 420.07)
[2] Paġġ. 8 – 9 tal-proċess
[3] Paġ. 20 tal-proċess
[4] Paġ. 181A tal-proċess
[5] Paġ. 197 tal-proċess

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet quddiem l-Assistent Ġudizzjarju;

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' April, 2016[6], li bih tat lill-partijiet żmien sabiex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attur fid-19 ta' Lulju, 2016[7];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrek fid-9 ta' Jannar, 2017[8], bi tweġiba għal dik tal-attur;

Rat l-atti kollha tal-kawża u kif ukoll dawk tar-Rikors Maħluf numru 291/13 li kienu jgħoddu għaliha;

Rat id-degrieti li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkonsidrat:***

Illi din hija azzjoni dwar stħarriġ ġudizzjarju minn deċiżjoni ta' bord. L-attur jilmenta minn aġir mhux xieraq mill-Bord tal-Appelli dwar ir-Rifuġjati (minn issa 'l hemm imsejjaħ "il-Bord") hu u jqis talba tiegħu biex jingħata *status* ta' rifuġjat f'Malta, u mid-deċiżjoni mogħtija mill-imsemmi Bord li ċaħditlu dik it-talba. L-attur jitlob li l-Qorti ssib li kien hemm ksur tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 3(ċ),(d),(e) u (ħ) tal-Atti dwar il-Ġustizzja Amministrattiva, kif ukoll tar-regolamenti 7(2) u 9(2) tar-Regolamenti dwar l-i*Standards* ta' Proċedura fl-Eżami ta' Applikazzjoni għall-Istatus ta' Rifuġjat, tħassar u tannulla d-deċiżjoni tal-istess Bord u tibgħat lura l-atti lill-istess Bord biex iqislu t-talba tiegħu mill-ġdid fil-mertu;

Illi l-imħarrek laqa' għall-azzjoni attriċi billi qal li d-deċizjoni tal-Bord hija tajba u għandha tiġi konfermata. Żied jgħid li, fir-rigward tax-xilja ta' ksur tal-artikolu 3(2)(ċ), (d) u (e) tal-Kapitolu 490, l-attur naqas li jressaq ilmenti dwarhom imqar fir-rikors li bih fetaħ il-kawża u, f'kull każ, ċaħad li l-Bord tabilħaqq kiser dawk id-dispożizzjonijiet jew b'xi mod naqas milli jħarishom. Jgħid li mhux minnu li d-deċizjoni tal-Bord ma kinitx motivata u għaldaqstant ma kien hemm ebda ksur tal-artikolu 3(2)(ħ) tal-istess Att. Jiċħad li kien hemm ksur tar-regolament 7(2) tal-Avviż Legali 243 tal-2008 billi l-avukat li deher

[6] Paġ. 198 tal-proċess
[7] Paġġ. 200 – 5 tal-proċess
[8] Paġġ. 208 – 215 tal-proċess

għall-attur kellu kull aċċess għat-tagħrif li kien jirrigwarda lill-attur. Jgħid ukoll li r-regolament 9(2) tal-istess Avviż Legali jgħodd meta t-talba tal-attur kienet quddiem il-Kummissarju għar-Rifuġjati u mhux fl-istadju ta' Appell quddiem il-Bord. Temm jgħid li l-fatt li d-deċiżjoni tal-Bord ma għoġbitx lill-attur ma jfissirx li d-deċiżjoni ma kinitx waħda tajba;

Illi bħala fatti relevanti li joħorġu mill-atti ta' din il-kawża jirriżulta li l-attur u ibnu, Fuad Gurun Mohammed, waslu f'Malta fl-20 ta' Ottubru, 2011, wara li kienet inħarġitilhom visa (tal-għamla "D") mill-Konsulat ta' Malta f'Istanbul fit-Turkija biex l-iben jingħata trattament mediku f'Malta u li ma kinitx issir f'pajjiżu. Il-visa kienet tgħodd għal madwar seba' (7) xhur[9]. L-attur u ibnu huma Kurdi b'ċittadinanza Iraqqina: l-attur twieled fl-1962 u ibnu fl-1993. L-attur huwa miżżewweġ u martu u żewġ uliedu oħrajn li twieldu wara ibnu Mohammed jgħixu fl-Iraq. Missier u omm l-attur u waħda minn uliedu nqatlu waqt attakk b'bomba kimika f'Marzu tal-1988[10];

Illi f'Diċembru, 2011, l-attur u ibnu wrew ix-xewqa li jitolbu kenn f'Malta billi avviċinaw lill-Uffiċju tal-Kummissjoni tar-Rifuġjati (minn issa 'l hemm imsejjaħ "l-Uffiċju") għal dan il-għan[11]. Fi Frar tal-2012, l-attur u ibnu kellhom laqgħa fl-Uffiċju fejn ingħataw tagħrif dwar id-dritt tagħhom li jitolbu l-ażil, l-għajnuna li setgħu jingħataw, lil min setgħu jikkonsultaw u l-proċedura tal-appell kemm-il darba ma jkunux sodisfatti mid-deċiżjoni mogħtija mill-Uffiċju[12]. Fit-12 ta' Frar, 2012, l-attur u ibnu ngħataw għajnuna sabiex applikaw għall-ażil[13]. Kienu preżenti wkoll għall-intervista fejn ingħataw għajnuna ta' interpretu[14];

Illi uffiċjal tal-Kummissarju tar-Rifuġjati (minn issa 'l hemm imsejjaħ "il-Kummissarju") stħarreġ it-talba tagħhom, u wasal biex irrakkomanda li t-talba ma kellhiex tintlaqa'. Ir-raġunijiet li wasslu lill-uffiċjali għal din ir-rakkomandazzjoni ġew imniżżla f'rapport imħejji għal dan il-għan u mgħoddi lill-Kummissarju[15]. Fil-25 ta' Frar, 2012, l-attur u ibnu ġew mgħarrfa bid-deċiżjoni aħħarija tal-Kummissarju li ma kinitx laqgħet it-talba tagħhom[16]. Kopja ta' din id-deċiżjoni ngħatat ukoll lis-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għall-Intern u Affarijet Parlamentari[17]. L-attur u ibnu ġew mgħarrfa bid-dritt tagħhom li jappellaw minn dik id-deċiżjoni u dwar x'kienet il-proċedura li kellhom isegwu[18];

[9] Ara Dokti. "NMZ1" u "NMZ2" f'paġġ. 100 – 1 tal-proċess
[10] Dok "NMZ3" f'paġ. 104 tal-proċess
[11] Ara affidavit ta' Nathalie Massa Zerafa mmarkat bħala Dok. "NMZ" f'paġ. 95 tal-proċess
[12] *Ibid* paġ. 96 tal-proċess
[13] Ara Dokti "NMZ3" u "NMZ4" f'paġġ. 102 – 9 tal-proċess
[14] Ara Dokti. "NMZ5" u "NMZ6" f'paġġ. 110 sa 127 tal-proċess
[15] Ara Dokti. "NMZ7" u "NMZ8" f'paġġ. 128 sa 143 tal-proċess
[16] Dokti. "B", "NMZ9" u "NMZ10" f'paġġ. 6 u 144 – 5 tal-proċess
[17] Dokti. "A", "NMZ13" u "NMZ14" f'paġġ. 5 u 148 – 9 tal-proċess
[18] Dokti. "NMZ11" u "NMZ12" f'paġġ. 146 – 7 tal-proċess

Illi l-attur appella minn dik id-deċiżjoni għal quddiem il-Bord fis-26 ta' Marzu, 2012 (b'sottomissjonijiet li tressqu fis-6 ta' Ġunju, 2012, minn avukat imqabbda minnu). Fit-13 ta' Awwissu, 2013[19], il-Bord bagħat jgħarraf lill-attur li kien ċaħad l-appell tiegħu b'mod definittiv;

Illi fil-25 ta' Marzu, 2013, l-attur fetaħ din il-kawża;

Illi, matul iż-żmien li kienet miexja l-kawża, jirriżulta li l-attur telaq minn Malta u ħatar lil ibnu, Fuad Gurun Mohammed, biex jidher għalih[20];

Illi l-Qorti dwar il-konsiderazzjonijiet ta' xejra legali li jolqtu l-każ, jibda biex jingħad li dawn il-Qrati għandhom ġurisdizzjoni ġenerali biex jistħarrġu l-imġiba ta' kull tribunal kważi-ġudizzjarju jew maħluq statutorjament[21]. Dan jingħad għaliex, fi stat ta' dritt, ħadd mhu meħlus mir-rabta li jimxi kif tridu l-liġi, u jekk issir xilja li xiħadd ma mexiex skond il-liġi, huma l-Qrati li għandhom is-setgħa li jqisu l-ilment u li jagħtu r-rimedju, jekk ikun il-kaz[22];

Illi fl-azzjoni mnedija minnu jilminta kemm mill-mod kif il-Bord mexxa l-każ tal-appell tiegħu quddiemu u kif ukoll mid-deċiżjoni nnifisha mogħtija mill-Bord biċ-ċaħda tal-appell tiegħu. Sostanzjalment, l-attur jixli lill-Bord bi ksur jew nuqqas ta' tħaris tar-regoli tal-ħaqq naturali f'żewġ aspetti – n-nuqqas ta' trattament indaqs bejnu u l-Kummissarju, u n-nuqqas ta' għoti ta' raġunijiet jew motivazzjoni biżżejjed mill-Bord biex juri għaliex u kif wasal biex ċaħad l-appell tiegħu. Fir-rikors li bih fetaħ il-kawża, l-attur straħ fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 3(2)(ċ)(d)(e) u (ħ) tal-Kapitolu 490 tal-Liġijiet ta' Malta u kif ukoll fuq ir-regolamenti 7(2) u 9(2) tal-Avviż Legali 243 tal-2008;

Illi għar-rigward tal-imsemmija dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva, dawn jipprovdu li tribunal amministrattiv għandu (i) jiżgura li l-partijiet fil-proċeduri jkollhom l-istess mezzi proċedurali, bil-jedd li tressaq il-każ tagħha bla ma titqiegħed fi żvantaġġ (art. 3(2)(ċ)); (ii) jiżgura li l-amministrazzjoni pubblika tagħmel disponibbli d-dokumenti u t-tagħrif kollu rilevanti għall-każ u jara li l-parti l-oħra jkollha aċċess għal dawk id-dokumenti u tagħrif (art. 3(2)(d)); (iii) jmexxi proċeduri fis-sura ta' parti kontra l-oħra u l-provi kollha jkunu disponibbli għalihom biex jistgħu jagħmlu kif imiss il-każ tagħhom (art. 3(2)(e)); u (iv) jara li s-sentenzi tiegħu jagħtu raġunijiet b'mod ċar biżżejjed biex ifisser il-motivi tad-deċiżjoni milħuqa (art. 3(2)(ħ)). Min-naħa l-

[19] Dok "Ċ", f'paġ. 7 tal-proċess
[20] Ara talba mressqa fl-24 ta' Frar, 2016 f'paġ. 195 tal-proċess
[21] Ara, b'eżempju, App. Ċiv. **13.6.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Salvino Borġ D'Anastasi vs Ian Decesare et noe et*** (mhix pubblikata)
[22] Ara P.A. GCD **20.3.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Raymond Fenech noe vs Victor Fiorentino*** (*in parte*, mhix pubblikata); App. Ċiv. **19.1.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***General Workers' Union vs Bank of Valletta plc*** u App. Ċiv. **28.9.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Washimba vs Bord tal-Appelli dwar ir-Rifuġjati et***, fost bosta oħrajn

oħra, id-dispożizzjonijiet imsemmija tar-Regolamenti jitkellmu dwar jedd tal-applikant li jingħata għajnuna legali xierqa u li l-konsulent legali jingħata aċċess għat-tagħrif fil-*file* tal-applikant għall-asil li jista' jkun eżaminat mill-Bord (reg. 7(2)) u li d-deċiżjoni dwar l-eliġibilita` għall-i*status* ta' rifuġjat jew *status* ta' protezzjoni sussidjarja tingħata bil-miktub u tindika r-raġunijiet fil-fatt u fid-dritt għaċ-ċaħda tal-applikazzjoni u għandha tinkludi tagħrif għall-applikant dwar il-jedd tiegħu li jikkontesta d-deċiżjoni (reg. 9(2));

Illi, minn dak li ħareġ mill-provi mressqa u mis-sottomissjonijiet waqt is-smigħ tal-kawża, jidher ċar li l-ilment ewlieni tal-attur huwa marbut mal-kwestjoni ta' nuqqas ta' għoti ta' raġunijiet fis-sentenza mogħtija mill-Bord dwar it-talba tiegħu li jingħata kenn f'Malta. Dan joħroġ ukoll mis-sottomissjonijiet imressqin minnu wara li ngħalqu l-provi[23]. Min-naħa tiegħu, l-imħarrek, fit-tielet eċċezzjoni tiegħu, jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-premessi tar-rikors promotur ma jirriflettu l-ebda waħda mit-talbiet attriċi għal sejba ta' ksur taħt l-artikolu 3(2)(ċ), (d) u (e) tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva. Fil-fatt, dan jirriżulta minnu kemm minn qari tar-Rikors Maħluf, kif ukoll mis-sottomissjonijiet bil-miktub imressqa f'isem l-attur li jintrabtu għal kollox max-xilja ta' ksur tal-artikolu 3(ħ) tal-istess Att u mar-regolament 9(2) tar-Regolamenti fuq imsemmija;

Illi ġaladarba l-attur naqas li saħansitra fis-sottomissjonijiet tiegħu bil-miktub jindirizza l-eċċezzjoni tal-imħarrek fir-rigward tal-allegat ksur min-naħa tal-Bord taħt l-artikolu 3(2)(ċ), (d) u (e) tal-Kap. 490, il-Qorti sejra tqis li l-attur ma baqax jisħaq aktar dwar dawn ix-xiljiet – li, fis-sewwa, intwera li lanqas ma kienu mistħoqqa billi f'kull waqt rilevanti l-attur ingħata u ħatar avukat tal-fiduċja tiegħu li kellha aċċess sħiħ għal kull dokumentazzjoni li kienet tirrigwarda l-każ imressaq minnu u ressqet b'mod sħiħ il-każ tiegħu fl-appell quddiem il-Bord[24] – u se tillimita ruħha għal stħarriġ dwar ix-xilja ta' nuqqas ta' motivazzjoni fid-deċiżjoni mogħtija mill-Bord;

Illi l-Qorti tqis ukoll li l-attur sejjes l-azzjoni tiegħu kontra l-Bord u l-imġiba tiegħu. Minħabba f'hekk, hija tqis li x-xiljiet li ressaq fuq is-saħħa tal-Avviż Legali ma jgħoddux għall-każ għaliex, minn qari tad-dispożizzjonijiet ta' dawk ir-Regolamenti, joħroġ li dawk jgħoddu għall-proċeduri sakemm ikunu għadhom mexjin quddiem il-Kummissarju u qabel l-istadju tal-appell meta l-każ ikun tressaq quddiem il-Bord;

Illi għalhekk, il-Qorti sejra tistħarreġ l-ilment tal-attur fuq is-saħħa tar-regola ta' ħaqq naturali li trid li kull deċiżjoni ta' bord amministrattiv jew kważi-ġudizzjarju għandha tkun waħda motivata bir-raġunijiet li jkunu wasslu

[23] Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġġ. 203 – 4 tal-proċess
[24] Xhieda ta' Mario Friġġieri u affidavit ta' Nathalie Massa Żerafa f'paġġ. 59 u 98 – 9 tal-proċess

għad-deċiżjoni meħuda, u dan fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-artikolu 3(2)(ħ) tal-Kapitolu 490 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi ma hemm l-ebda dubju li l-ħarsien tal-prinċipji tal-ħaqq naturali fit-teħid ta' kull deċiżjoni amministrattiva huwa kejl ta' siwi kbir biex jiżgura kemm is-siwi tad-deċiżjoni, iżda aktar minn hekk is-siwi tal-proċess li jkun wassal għal deċiżjoni bħal dik;

Illi l-għoti u t-tismija ta' raġunijiet li jkunu wasslu għal deċiżjoni amministrattiva huma għodda meħtieġa li biha wieħed jista' jqis is-siwi ta' dik id-deċiżjoni. Fuq is-saħħa ta' dawk ir-raġunijiet, wieħed ikun jaf x'ikun wassal lill-awtorità biex tiddeċiedi kif iddeċidiet, x'qieset biex waslet għal deċiżjoni bħal dik[25], u x'rimedju jista' jkollu dwarha. L-awturi jgħallmu li "*The principles of natural justice do not, as yet, include any general rule that reasons should be given for decisions. Nevertheless there is a strong case to be made for the giving of reasons as an essential element of administrative justice. The need for it has been sharply exposed by the expanding law of judicial review, now that so many decisions are liable to be quashed or appealed against on grounds of improper purpose, irrelevant considerations and errors of law of various kinds. Unless the citizen can discover the reasoning behind the decision, he may be unable to tell whether it is reviewable or not, and so he may be deprived of the protection of the law. A right to reasons is therefore an indispensable part of a sound system of judicial review. Natural justice may provide the best rubric for it, since the giving of reasons is required by the ordinary man's sense of justice. It is also a healthy discipline for all who exercise power over others. .. .. Notwithstanding that there is no general rule requiring the giving of reasons, it is increasingly clear that there are many circumstances in which an administrative authority which fails to give reasons will be found to have acted unlawfully*"[26];

Illi dan li ngħad jgħodd bil-wisq aktar fejn l-awtorita` li tkun qiegħda tagħti d-deċiżjoni tkun bord b'setgħat kważi-ġudizzjarji;

Illi, kif ingħad aktar qabel, ir-raġuni ewlenija li fuqha huwa msejjes dan il-prinċipju ta' ħaqq naturali ġejja mill-fatt li persuna milquta b'deċiżjoni amministrattiva għandu jkollha l-għodda meħtieġa biex tista' tifhem u, jekk ikun il-każ, tattakka dik id-deċiżjoni jew titlob rimedju ieħor fejjiedi. Dan il-prinċipju jimxi id f'id mal-principju l-ieħor li kull parti għandha tingħata l-istess faċilita` bħall-parti l-oħra (ġeneralment, l-awtorita` pubblika) biex tressaq il-każ tagħha (il-prinċipju tal-"*equality of arms*"). Jitlob ukoll, fost ħwejjeġ oħrajn, li kull parti f'kawża jkollha l-opportunita` raġonevoli li tressaq il-każ tagħha, inkluża l-fakolta` li tressaq xhieda, taħt kondizzjonijiet li l-ebda parti ma tkun *"at a*

[25] App. Ċiv. **4.3.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Alfred Sant vs Kummissarju tat-Taxxi Interni*** (mhix pubblikata)
[26] HWR Wade & CF Forsyth *Administrative Law* (11th Edit, 2014) paġġ. 440 – 1

*substantial disadvantage"* fir-rigward tal-parti l-oħra; li kull parti jkollha l-opportunita` u ż-żmien biżżejjed biex tħejji u tfassal id-difiża taghha b'mod xieraq u mingħajr xkiel; li kull parti jkollha l-opportunita` li tifli d-dokumenti li jitressqu fl-atti tal-każ u wkoll li teżamina x-xhieda prodotti mill-parti l-oħra; u, b'mod ġenerali, li r-restrizzjonijiet imposti mil-liġi domestika ma jwasslux sabiex parti ssofri *"actual prejudice"* b'mod li d-dritt tagħha għal smigħ xieraq jiġi miksur[27];

Illi għal dak li jirrigwarda l-għoti ta' raġunijiet fid-deċiżjoni, ġie meqjus li deċiżjoni għandha jkollha dawk ir-raġunijiet indikati b'mod ċar tali li jwasslu lill-parti tifhem kif il-ġudikant ikun wasal għal konklużjoni skond kif indikat fis-sentenza[28]. Deċiżjoni ma għandhiex għalfejn tkun fit-tul u lanqas ma għandha għalfejn toqgħod telenka l-punti kollha sollevati. Madankollu, "*għandha tissodisfa fuq kollox lill-partijiet in kawża fuq il-korrettezza fattwali u ġuridika tar-raġunijiet li wasslu għad-deċiżjoni. .. .. ir-razzjonalita` tal-motivazzjoni kellha fil-minimu tindika raffront bejn ir-raġuni tad-deċiżjoni u r-riżultanzi probatorji u l-prinċipju tad-dritt applikabbli .. .. kull min hu fdat bl-inkarigu li jiġġudika għandu jassikura, għall-aħjar korrettezza fil-qadi tad-dmirijiet tiegħu, illi jipprovdi tifsira ċara u raġjonata dwar il-kontenut sostanzjali tal-kontroversja. Dan anke jekk il-ħsiebformattiv tiegħu jkun wieħed konċiż, basta dejjem li, fl-istess waqt jindika ċirkostanzi speċifiċi li kienu jitqiesu minnu hekk idonej biex isostnu jew, xort'oħra jirrespinġu l-fatt kostitutiv tad-dritt, oġġett tal-ġudizzju*"[29]. Dawn il-ħtiġijiet tqiesu wkoll bħala meħtieġa f'każijiet ta' deċiżjonijiet dwar appelli mressqa quddiem il-Bord[30];

Illi l-Qorti fliet u qieset b'reqqa d-dokumenti mressqa quddiemha, fid-dawl ukoll tal-kunsiderazzjonijiet li għadha kemm semmiet. B'mod partikolari, rat id-deċiżjoni mogħtija mill-Bord fit-13 ta' Awwissu, 2012 li dwarha l-attur iressaq l-ilment ewlieni tiegħu f'din il-kawża. Għalkemm b'mod konċiż, id-deċiżjoni ssemmi l-atti li bihom tressaq l-appell, il-qafas kronoloġiku u fattwali li ġarrab l-attur appellant u r-raġuni li wasslitu u lil ibnu jiġu f'Malta, u kif ukoll tismija ċara li l-Bord qies li r-raġunijiet mediċi li għalihom huma ġew f'Malta ma kinux jagħtu lilu u lil ibnu raġuni tajba biex jingħata kenn f'Malta jew *status* ta' rifuġjat jew "protezzjoni internazzjonali" taħt l-Att. Minbarra dan, issemmi wkoll li r-raġunijiet l-oħrajn li l-attur semma biex jgħid għaliex imissu jingħata kenn f'Malta kienu kontradetti minn ċirkostanzi li seħħew għal bosta snin qabel huwa għażel li jiġi f'Malta. Fil-qosor tagħha, id-deċiżjoni attakkata ġġib dawn l-elementi kollha li, fil-fehma ta' din il-Qorti, jissodisfaw il-vot tal-għoti ta' raġunijiet;

---

[27] Ara P.A. JŻM **30.3.2010** fil-kawża fl-ismjiet ***Stephen Galea vs Frans Farrugia et***

[28]Ara App. Inf. PS **12.6.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Christopher Falzon vs Noel Gauċi***

[29] App. Inf. PS **18.6.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Eugene Cardona vs Transport Malta***

[30] Ara, b'eżempju, App. Ċiv. **30.9.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Teshome Tensae Gebremariam et vs Bord tal-Appelli dwar ir-Rifuġjati et*** §§ 41 – 4

Illi, fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonjiet, il-Qorti tasal għall-fehma li l-attur naqas li juri li l-ilment tiegħu dwar id-deċiżjoni mogħtija kontrih mill-Bord kien wieħed mistħoqq f'kull aspett tiegħu. Minħabba f'hekk, issib li l-ewwel talba attriċi mhix se tintlaqa';

Illi ladarba hu hekk, iż-żewġ talbiet attriċi l-oħrajn ma jistgħux jintlaqgħu lanqas, ladarba huma konsegwenzjali għall-ilqugħ tal-ewwel talba;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad it-talbiet attriċi** billi mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt, bl-**ispejjeż** kontra l-attur.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**13 ta' Jannar, 2022**

**Geraldine Rickard**
**Deputat Reġistratur**